# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 485**

**It-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 485.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

485.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Brian Spiteri fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jkun skużat.

485.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

485.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

## 485.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

485.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 484.5.45 u minflok il-kliem 'tiġi rranġata tappiera tħabbat' jidħol il-kliem 'jiġu rranġati żewġ tappieri jħabbtu'.

485.2.2 Il-minuti tal-484 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

## 485.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

485.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul ix-xahar ta' Jannar 2018 kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent mill-Gvern Ċentrali u qal ukoll illi dan ix-xogħol mistenni jitlesta fi żmien tlett xhur.

485.3.2 Is-Sindku qal illi t-talba lil Transport Malta sabiex parti minn Triq Wied il-Għajn issir *one way*, bejn Triq is-Santwarju u Triq il-Kunvent, kienet ser issir wara li jitlesta x-xogħol ta' *resufacing* fi Triq il-Kunvent minħabba li matul ix-xogħol ta' *resurfacing* it-traffiku jkun devjat.

485.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab uffiċjalment id-devoluzzjoni ta' Misraħ San Nikola sabiex isir il-proġett propost matul il-laqgħa numru 483.

485.3.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill jistax jiżra siġar u arbuxelli f'Misraħ San Nikola bil-fondi tal-Proġett *Urban Greening Project 2018.* Is-Sindku qal illi s-siġar kienu ser isiru bil-fondi tal-GAL Xlokk.

485.3.5 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex jinżergħu siġar u arbuxelli fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti bil-fondi tal-Proġett *Urban Greening Project 2018.*

485.3.6 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Rachel Abdilla dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonardu, fejn talbet kumpens ta' €50 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

485.3.7 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba li saret mis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto, mis-Sinjorina Charlene Saliba u mis-Sinjura Maria Livori sabiex jitħallsu għall-*qualification allowance.* Is-Sindku qal illi din it-talba kienet qed issir wara li l-Kunsill irċieva struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali skont iċ-ċirkulari numru 23/2017. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimement li tiġi milqugħa t-talba tal-impjegati.

485.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu qed isiru diskussjonijiet flimkien ma' Transport Malta sabiex issir *traffic island* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Lantas Pet Shop.*

485.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista ta' apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 6/2017) peress illi l-Perit George Buhagiar kien indispost. Is-Sindku qal illi minflok il-Perit Buhagiar inħatar bħala membru il-Perit Robert Ellul. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti u l-Bord ikun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Perit Robert Ellul.

485.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti għall-provvista ta' konkos, kaptelli tad-drenaġġ u kurduni (ZLC 7/2017) peress illi l-Perit George Buhagiar kien indispost. Is-Sindku qal illi minflok il-Perit Buhagiar inħatar bħala membru il-Perit Robert Ellul. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti, u l-Bord ikun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Perit Robert Ellul.

485.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 8/2017) peress illi l-Perit George Buhagiar kien indispost. Is-Sindku qal illi minflok il-Perit Buhagiar inħatar bħala membru il-Perit Robert Ellul. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tibdil fil-Kumitat ta'

Evalwazzjoni tal-Offerti u l-Bord ikun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Perit Robert Ellul.

**485.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

485.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu sehem fl-attività 'Naħseb Fik' u jinżammu temporanjament ir-rigali tal-anzjani kif ukoll tat-tfal vulnerabbli u b'diżabilità fil-bini tal-Kunsill sakemm jinġabru mill-kurrier tal-Ministeru għal Għawdex.

485.4.2 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jieħu sehem fl-attività *Earth Day Clean Up 2018* li ser issir fit-22 t'April 2018. Is-Sindku qal illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attività.

485.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva stima għal installazzjoni ta' *CCTV cameras* maġenb il-*bring in sites*. Is-Sindku qal illi l-ħlas mitlub mill-kumpanija Greenpak sabiex tiġi nstallata *CCTV camera* kien jammonta għal €531 inkluż il-Vat. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien ser japplika għas-servizz tal-*internet* sabiex il-monitoraġġ tac-*CCTV cameras* ikun jista' isir mill-Kunsill kif ukoll mill-għassa tal-pulizija.

485.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret it-talba lil Transport Malta sabiex jinqaleb il-post tal-parkeġġ fi Triq il-Kbira. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

485.4.5 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinitx tpoġġiet is-*CCTV camera* maġenb il-*bring in sites* fi Triq Sant' Antnin. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

485.4.6 Is-Sur John J Pace talab sabiex tiġi rranġata *floodlight* maqtugħa li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-*HSBC*.

485.4.7 Is-Sur John J Pace qal illi l-attività li ġiet organizzata fuq iz-zuntier tal-Knisja bil-kollaborazzjoni mal-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika kienet ta' suċċess. Is-Sur Pace qal illi n-nefqa għal din l-attività kienet tammonta għal madwar €475.

485.4.8 Is-Sur John J Pace talab sabiex tiġi ordnata tabella bl-isem Triq l-Inkurunazzjoni.

**485.5 Approvazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji ta' Kull Kwart**

485.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Jannar – Ġunju 2017. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

485.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Jannar – Settembru 2017. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

485.5.3 Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

**485.6 Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena 2018**

485.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2018. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**485.7 Laqgħa Annwali Pubblika**

485.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali pubblika issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2018 fil-ħamsa ta' filgħaxija.

**485.8 *Performance Bonus* tal-Impjegati**

485.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2017. Fuq proposta tas-Sur Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill Stephanie Testaferrata de Noto, Mary Rose Caruana, Charlene Saliba, Naomi Agius u Maria Livori jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus.*

485.8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tas-Sur Duncan Busuttil għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u t-3 ta' Marzu 2017. Fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Busuttil jingħata 10%.

485.8.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Marzu u l-31 ta' Diċembru 2017.

485.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi milqugħa t-talba tal-impjegati tal-Kunsill is-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto biex iġġedded 72 siegħa *vacation leave* għas-sena d-dieħla, l-impjegata s-Sinjorina Mary Rose Caruana biex iġġedded 29.75 siegħa *vacation leave,* l-impjegata s-Sinjorina Charlene Saliba biex iġġedded 60 siegħa *vacation leave,* l-impjegata s-Sinjorina Naomi Agius biex iġġedded 34 siegħa *vacation leave,* u s-Sinjura Maria Livori biex iġġedded 29.50 siegħa *vacation leave* għas-sena 2018.

### 485.9 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

Ċertifikat ta' Ħajr

485.9.1 Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-għoti ta' Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar fl- 1 ta' Frar 2018.

485.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona lil Dun Joe Galea. Ma kienx hemm sekondant.

485.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona lis-Sur Paul Magro. Is-Sur John J Pace issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

485.9.4 Is-Sindku ppropona lis-Sur Alfred Attard. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

485.9.5 Is-Sindku ppropona lis-Sur Bjorn Galea. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

485.9.6 Is-Sindku ppropona lil Żabbar Dilettanti Ħamiem tal-Ġiri. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Ġieħ Ħaż-Żabbar

485.9.7 Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar fl-1 ta' Frar 2018.

485.9.8 Is-Sindku ppropona li s-Sur Gordon Pace jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-komunità. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

485.9.9 Fis-7.00 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa.

485.9.10 Il-Viċi-Sindku ppropona lis-Sinjura Pauline Miceli għall-ħidma tagħha fil-qasam tal-edukazzjoni u drittijiet tat-tfal. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

485.9.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jintuża s-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar.

## 485.10 *Default notice* Greenpak

485.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kumpanija *Greenpak* kienet talbet lill-Kunsill sabiex jirtira d-*default notice* peress illi d-dewmien fil-ġbir ta' skart kien dovut minħabba l-fatt illi l-*Wasteserv* ta' Sant Antnin kien ingħalaq u l-iskart kien qed jintbgħat il-Magħtab. Il-Viċi-Sindku qal illi minkejja li s-servizz kien tjieb wara li nħarġet id-*default notice,* il-kumpanija *Greenpak* kienet għada m' għamlitx il-progress mixtieq. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jirtirax id-*default notice*.

## 485.11 Deċiżjoni dwar il-kuntratti

Offerti għas-Servizz ta' *Accountant* (ZLC 1/2015)

485.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *accountant* ( ZLC 1/2015) kien ser jagħlaq fil-21 ta' April 2018, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Offerti għall-manutenzjoni ta' tabelli u sinjali ta' traffiku (ZLC 3/2015)

485.11.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali ta' traffiku ( ZLC 3/2015) li għandu mal-kumpanija Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien ser jagħlaq fil-25 ta' Mejju 2018, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Servizz ta' Tindif ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 5/2015)

485.11.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani ZLC 5/2015 li għandu mas-Sinjura Vincenza Camilleri għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Tindif u Żamma tas-*Soft Areas* u *Roundabouts* (ZLC 9/2015)

485.11.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif u żamma tas-s*oft areas* u r*oundabouts* ZLC 9/2015 li għandu mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* kien ser jagħlaq fis-6 ta' Jannar, 2018 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015)

485.11.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt li l-Kunsill għandu għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015) li għandu mas-Sur Sandro Caruana għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

485.11.6 Fis-7.15 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fis-7.20 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

Offerti għall-provvista ta' apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 6/2017)

485.11.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi t-tlett offerti għall-provvista ta' apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-Toroq (ZLC 6/2017) ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti li ġew mitfugħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni irrakomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija Koperattiva Tabelli u Sinjali. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti involuti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

485.11.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi t-tlett offerti għall-provvista ta' konkos, kaptelli tad-drenaġġ u kurduni (ZLC 7/2017) ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti li ġew mitfugħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija *Dimbros*. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

485.11.9 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ż-żewġ offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 8/2017) ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti li ġew mitfugħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija *Dimbros*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

**485.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

485.12.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-7 ta' Novembru 2017 u l-11 ta' Diċembru 2017 li kienet tammonta għal €55,246.02.

485.12.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2017 li kien jammonta għal €151.09.

485.12.3 Il-Viċi-Sindku talab sabiex tiġi rranġata l-funtana ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi qiegħed jintilef ħafna ilma minnha.

485.12.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-18 ta' Jannar, 2018 kien ser jorganizza attività għall-anzjani.

485.12.5 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li Triq il-Ħawt kienet tnaddfet.

485.12.6 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jinqala' arblu tad-dawl li tħalla f'nofs ta' triq fi Triq Sant' Antnin wara li sar xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sur Agius qal illi l-arblu kien ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi mal-arblu hemm bozza. Is-Sindku qal ukoll illi l-arblu kien għadu ma nqalax peress illi ħadd mir-residenti m'aċċetta li titwaħħal il-bozza mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Is-Sindku żied jgħdi illi kienu twaħħlu *reflectors* ma' dan l-arblu sabiex jitnaqqas il-periklu.

485.12.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi kienu qed jitpoġġew boroż tal-iskart fl-art maġenb il-*hangers* tal-ħadid li jintużaw sabiex jiddendel l-iskart. Is-Sur Agius qal ukoll illi n-numru ta' boroż tal-iskart li jistgħu jiddendlu mal- *hangers* tal-ħadid huwa limitat. Is-Sur Agius talab sabiex isiru iktar *hangers.*

485.12.8 Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li l-ġbir ta' skart domestiku jibda jinġabar nhar ta' Ħadd ukoll.

485.12.9 Is-Sur John J Pace staqsa jekk il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq kienx laqa' it-talba li jinbidel l-isem ta' Triq Bormla il-parti li tagħmel maż-Żejtun. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pożittiv.

485.12.10 Is-Sur John J Pace qal li fil-21 ta' Diċembru 2017 ser tkun qed tittella' l-attività Merħba lix-Xitwa.

485.12.11 Is-Sur John J Pace talab sabiex isir *cat cafe* f'Ħaż-Żabbar.

485.12.12 Il-Viċi-Sindku talab biex titwaħħal siġra oħra minflok is-siġra taż-żebbuġ li hemm fil-bandli Ġnien Tamara Psaila fil-*Housing Estate* peress illi s-siġra kienet qed twaqqa' ħafna żebbuġ.

### 485.13 Mozzjonijiet

485.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

### 485.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

485.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2018.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-486 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku